

31999D0246

L 93/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.4.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-30 ta' Marzu 1999****li tapprova ċerti pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer***(notifikata bid-dokument numru C(1999) 769)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(1999/246/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/217/KEE tat-22 ta' Jannar 1980 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni Nru 93/384 KEE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 14b tagħha,

Billi l-kriterji li għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* meta jiġu mfassla l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ġew stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 91/42/KEE ⁽³⁾;

Billi ċerti Stati Membri taw għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' kontinġenza; billi wara eżami nstab li dawn il-pjanijiet jissodisfaw il-kriterji kollha preskritti fid-deċiżjoni Nru 91/42/KEE u jippermettu li l-għan mixtieq jiġi mill-huq soġġett għal implimentazzjoni effettiva;

Billi sabiex tassigura l-effettività tal-pjanijiet huwa neċċessarju li ttwettaq studji spekulattivi u eżerċizzji simulattivi;

Billi l-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jinżammu aġġornati fuq bażi regolari;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer mogħtija mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I huma approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 47, tal-21.1.1980, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 166, tat-8.7.1993, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 23, tad-29.1.1991, p. 29.

ANNEX

Il-Belġju
Id-Danimarka
Il-Ġermanja
Spanja
Franza
L-Irlanda
L-Italja
L-Olanda
L-Awstrija
Il-Portugall
Il-Finlandja
L-Isvezja
Ir-Renju Unit
